MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (INFERJURI)
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**SCIBERRAS PHILIP LL.D.**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Appell Civili Numru. 1575/1998/1

**Maltacom p.l.c**

**vs**

**Angelo Schembri**

**Il-Qorti,**

Fl-4 ta’ Frar, 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*“Il-Qorti,*

*Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta’ attrici fis-17 ta’ Awissu 1998 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmien mija u wiehed u sebghin lira u hamsa u tmenin centezmu (Lm871.85c) rapprezentanti spejjez ta’ materjal u spejjez ohra nkorsi in konnessjoni mat-tiswija ta’ hsarat fuq “2x100pr cables” f’Triq San Alwigi, Msida mill-konvenut jew agenti tieghu*

*nhar it-2 ta' Mejju, 1997 u dan kif jirrizulta mid-dokumenti annessi markati Dok A u Dok B rispettivament.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra nterpellatorja tal-21 ta' April,1998 u bl-imghax legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.*

*Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:*

*1. Illi in linea preliminari t-talbiet attrici huma nfondati sia fil-fatt u sia fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li s-socjeta' attrici naqset li titlob id-dikjarazzjoni ta' responsabbilta' tal-eccipjent ghad-danni relevanti minnha.*

*2. Illi, fil-meritu, it-talbiet attrici huma nfondati sia fil-fatt u sia fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-eccipjent ma kkaguna l-ebda allegat dannu lis-socjeta' attrici.*

*3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Semghet ix-xhieda bil-gurament.*

*Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi rrizulta mill-provi li l-konvenut Angelo Schembri huwa kuntrattur imqabbad mill-Enemalta sabiex jaghmel hofor fit-triq ghall-arbli tad-dawl.*

*Fit-2 ta' Mejju 1997 kien qieghed jaghmel toqba f'St Louis Street, kantuniera ma' School Street, Msida sabiex ikun jista jiddahhal arblu gdid wara li l-Kunsill ta' l-Imsida kien ghamel talba ma' l-Enemalta sabiex jigi spustjat arblu qadim fejn kellhom isiru xi parking spaces ghall-vetturi. Jidher illi waqt li kien qed isir dan ix-xoghol intlaqtu xi cables tat-Telemalta u li minhabba f'hekk is-socjeta' attrici sofriet hsara fl-ammont li qed tirreklama f'dan l-avviz.*

*Il-konvenut jikkonferma li huwa kuntrattur mal-Enemalta u ghandu apparat specjali sabiex jaghmel toqba apposta*

*ghall-arbli tad-dawl tal-Enemalta. Dawn it-toqob huma tminn pulzieri wiesa u erba piedi fondi. Qal illi qabel ma ghamel il-hofra uza cable detector u ma osserva l-ebda cable taht l-art. Ix-xoghol dejjem ghamlu huwa stess.*

*Fil-kors ta' din il-kawza xehed Costantino Consiglio a fol 20 tal-process. Dana jahdem fl-overseeing section tal-Maltacom u kkonferma li ma saret l-ebda applikazzjoni mill-konvenut sabiex is-socjeta' attrici tibghat xi nies fuq il-post fejn kienu qieghdin isiru dawn ix-xogholijiet. Fil-fatt, ighid testwalment wara li ghamel il-verifiki tieghu illi "l-ebda record ta' xi komunikazzjoni minghand il-konvenut mas-socjeta' attrici dwar dawn it-trinek illi kien ser jaghmel f'din it-triq".*

*Il-konvenut ighid illi huwa jigi moghti istruzzjonijiet minghand l-Enemalta fejn kellha ssir it-toqba. Dawn l-istruzzjonijiet jigu moghtija lilu minn Charles Camilleri. Dan ta' l-ahhar xehed a fol 44 u kkonferma illi huwa jaghti istruzzjonijiet lill-kuntrattur fejn kellhom isiru t-toqob, pero' jghid ukoll "…. Huwa kompitu tieghu li jivverifika li ma jkunx hemm cables jew servizzi taht il-post li jkun ser itaqqab". Dana jghidu il-ghaliex filwaqt li l-Enemalta tkun tista tikkonferma mal-kuntrattur illi taht it-toqba ma hemmx cables taghha ghaddejjin, b'daqshekk ma jfissirx li ma jkunx hemm cables ta' haddiehor, u ghalhekk huwa kompitu tal-kuntrattur illi jassigura illi ma jkunx sejjer jikkawza xi hsara lil xi enti ohra.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali u l-gurisprudenza ricenti, l-Qorti hija sodisfatta illi l-konvenut naqas meta ma hax hsieb jassigura li ma jkunx hemm cables ta' xi korporazzjoni taht l-art fejn ikun sejjer jahdem. Il-Qorti hija sodisfatta illi f'dan il-kaz, il-konvenut ma ghamel l-ebda applikazzjoni mat-Telemalta dwar din it-toqba li kien ser jaghmel fil-kantuniera ma' St Louis Street u School Street l-Imsida, ghalhekk meta taqqab graw dawn il-hsarat u ghalihom il-konvenut ghandu jwiegeb.*

*Fil-fatt f'kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Lulju 1996 fl-ismijiet* <u>*Anthony Ventura noe vs Raymond Galea et*</u> *il-Qorti kienet qalet li kemm is-sid kif ukoll il-haddiema kienu responsabbli illi jottjenu l-permessi kollha u jiehdu dawk il-mizuri kollha biex jassiguraw illi cables ma jigux danneggjati meta jkunu qieghdin jahdmu fuq xi art.*

*Huwa proprju dak illi gara f'dan il-kaz. Minkejja li l-konvenut kien qed jahdem fuq istruzzjonijiet specifici ta' l-Enemalta u fuq art pubblika, b'daqshekk ma jezonerahx mir-responsabbilta' biex jassigura li ma jkunx sejjer jaghmel hsarat lil proprjeta' ta' haddiehor. Dana l-konvenut ma ghamlux, qabad u taqqab minghajr ma ottjena l-permessi necessarji u ghalhekk ikkawza d-danni reklamati mis-socjeta' attrici, liema socjeta' timmerita risarciment ghal dawn id-danni.*

*Ghal dawn il-motivi,*

*Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut li jhallasha s-somma ta' tmien mija u wiehed u sebghin lira u hamsa u tmenin centezmu (Lm871.85c) spejjez ta' materjal u spejjez ohra nkorsi in konnessjoni mat-tiswija ta' hsarat fuq "2x100pr cables" fi Triq San Alwigi, kantuniera ma' School Street, Msida u dana fit-2 ta' Mejju, 1997.*

*Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kontra l-konvenut."*

Il-konvenut appella minn din is-sentenza bl-aggravji illi l-ewwel Qorti naqset li tiddeciedi l-ewwel eccezzjoni tieghu u fil-meritu, fuq il-provi akkwiziti, il-konkluzjoni kellha issostni l-posizzjoni tieghu li hu ma kienx fi htija ghad-danni reklamati mis-socjeta' attrici.

Huwa korrett dak li jinghad mill-appellanti illi l-ewwel Qorti naqset li tiddeciedi l-ewwel eccezzjoni u cjoe dik fejn gie sollevat illi t-talba ghall-kundanna hlas ma kenitx preceduta b'dikjarazzjoni ta' responsabilita'.

B'danakollu dan in-nuqqas ma jinficjax is-sentenza u dan ghal zewg ragunijiet. Fl-ewwel lok din l-ecezzjoni mhix annoverata fost il-lista ta' eccezzjonijiet elenkati fl-Artikolu 730 tal-Kap 12 f'liema kaz ghal dawn kien rikjest li jigu decizi b'kapi separati qabel, jew flimkien, mas-sentenza fuq il-meritu.

Ankorke kien hekk il-kaz u l-proprjeta' procedurali ma gietx adempita dan in-nuqqas jew irregolarita' ma jannullax is-sentenza jekk din fis-sustanza vera taghha tinsab li hi gusta (Art 790 Kap 12; "**Virginia Cassar –vs- Emanuel Caruana et**", Appell Kummerc, 4 ta' Marzu 1992).

Hemm imbaghad argument iehor fis-sens li jidher ovvju li meta l-ewwel Qorti laqghet it-talbiet attrici hi kienet fl-istess waqt qed tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tant li sabitu fit-tort ghad-danni kawzati.

F'kull kaz id-difett allegat mil-konvenut ma ghandu l-ebda bazi fil-ligi in kwantu jikkoncerna proceduri fil-qrati ta' kompetenza inferjuri. Dan ghaliex dik il-Qorti mhiex marbuta bil-kawzali ta' l-avviz. Dan hu hekk evidenti minn semplici paragun bejn l-Art 171 u l-Art 156 tal-Kap 12. L-ifformular ta' l-avviz hu anqas solenni minn dak dispost fir-rigward tac-citazzjoni fil-qrati ta' gurisdizzjoni superjuri. Sufficit li fl-att promotur taht il-firma tar-Registratur ikun hemm "l-isem u l-kunjom ta' l-attur u tal-konvenut, it-talba ta' l-attur, u l-jum u l-hin meta l-konvenut ghandu jidher".

Mhux hekk biss pero' in kwantu t-talba dikjaratorja pre-ordinata ghall-kundanna mhiex rekwizit 'sine qua non' li minghajra l-avviz hu monk. Hu pacifiku fil-gurisprudenza Maltija illi d-domanda tista' tigi inferita u jew sostenuta "per equipollens". (**Vol XXXVI pI p105**). U billi d-domanda ghal kundanna ghall-hlas tas-somma tad-danni ghandha implicita fiha r-responsabilita' li tat lok ghal dawk id-danni ma hijiex irritwali d-domanda li biha tintalab il-kundanna minghajr ma jkun hemm ukoll fl-Avviz it-talba ghad-dikjarazzjoni tar-responsabilita'.

Jinsab in fatti stabbilit illi "*d-dikjarazzjonijiet li talvolta jkunu mehtiega biex l-attur jasal ghal xi wahda mid-domandi tieghu, m'hemmx bzonn li jsiru fic-citazzjoni taht forma ta' domandi*." (**Vol XXXIII pI p666**)

L-aggravju fil-meritu wkoll qed jigi respint, billi fil-fehma ta' din il-Qorti l-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti hi ben fondata kemm fuq ix-xhieda konsistenti u linejari tas-socjeta' attrici, kif ukoll ghaliex il-konvenut ma ha l-ebda azzjoni preventiva, essenzjalment li jinforma lill-istess socjeta' attrici li kien ser ihaffer fil-post lilu indikat mill-Korporazzjoni Enemalta.

Jirrizulta da parti tal-konvenut qua kuntrattur illi qabel ma haffer bid-driller huwa naqas li japplika ghall-permess u dan kemm mal-Awtorita' kompetenti kif hekk jissanzjona l-Artikolu 27 tal-Ligijiet tal-Pulizija kif ukoll mas-socjeta' attrici (Ara xhieda ta' Costantino Consiglio, fol 20). Lanqas indenja ruhu jistaqsi lill-kommittent tieghu, l-Enemalta Corporation, jekk kellhiex permess jew le. Dan kif minnu stess konfermat (fol 41).

Invece jidher li strah esklussivament fuq il-fatt illi ghax ghandu "detector" li hu juza qabel it-thaffir "*biex nara ezatt taht l-art hemmx xi cables jew le*", allura dan bhal speci kien bizzejjed biex jiskolpah minn kull event dannuz. Evidentement minn dak li rrizulta jew hu ma uza xejn dan id-'detector' jew dan l-istrument ma tahx indikazzjonijiet precizi ta' l-ezistenza tal-cables.

Kien ghalhekk inkombenti fuqu li jottjeni l-permessi u dan bhala mizura prekawzjonali ghall-harsien ta' hwejjeg haddiehor u biex lill-appellant tiskongurah mill-kolpa.

"*In tema ta' danni akkwiljari bhal ma hu dan il-kaz, il-ligi Maltija tippreciza l-grad tal-kolpa li ggib ir-responsabilita' ghad-danni fl-Art 1075 Kap 23 (illum Art 1032 (1) Kap 16) fis-sens li hu in kolpa min ma juzax il-prudenza, diligenza u attenzjoni tal-"bonus pater familias"* (**Vol XLIV pI p343**).

Jidher li l-konvenut hu familjari ma' dak li jirrikjedu minnu r-regolamenti u l-ligijiet fis-sitwazzjoni tax-xoghol tieghu.

Dan mhux biss ghall-fatt li hu armat b'detector izda anke ghaliex minn diskors Charles Camilleri (fol 43), Technical Officer Enemalta, l-konvenut hu l-kuntrattur tal-Enemalta nkarigat mit-twahhil ta' l-arbli taghha.  Ghal dak li gara allura "imputet sibi".  Biex jinghad kollox effettivament mir-rapport imhejji mill-Ispettur Stephen Gatt (fol 3 u fol 23) insibu 'in coda' illi "*Mr Schembri stated that he is willing to pay for damages done but he wants to know the amount of damages as none had been communicated to him.*"

Din id-dikjarazzjoni ma gietx kuntrasta mill-appellanti kif lanqas ma gew kontestati minnu d-danni reklamati, la fil-kors tal-proceduri fil-prim'istanza u lanqas fil-korp tar-rikors ta' l-appell tieghu.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant.

Dep/Reg
cb